

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-26 ta' Lulju 2012, innotifikata fil-31 ta' Lulju 2012;
- jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas is-somma ta' EUR 463 050 favur kull wieħed mill-aventi kawża tal-uffiċjal maqtul, bħala kumpens għad-danni morali subiti minnhom;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma ta' EUR 308 700 favur l-ewwel rikorrent, bħala kumpens għad-danni morali subiti minnu;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma ta' EUR 308 700 favur it-tieni rikorrent, bħala kumpens għad-danni morali subiti minnu;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma ta' EUR 154 350 favur it-tielet rikorrent, bħala kumpens għad-danni morali subiti minnu;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma ta' EUR 154 350 favur ir-raba' rikorrent, bħala kumpens għad-danni morali subiti minnu;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas favur l-aventi kawża tal-uffiċjal maqtul, tas-somma ta' EUR 574 000 għad-danni morali subiti minnhom fis-siġhat ta' agunija tiegħu;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-interessi kumpensatorji u tal-interessi moratorji li akkumulaw minn dak iż-żmien;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2012 — ZZ vs Il-Kunsill****(Kawża F-134/12)**

(2013/C 26/153)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

**Rikorrent:** ZZ (rappreżentanti: A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, D. Abreu Caldas u S. Orlandi, avukati)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/866/UE, tad-19 ta' Diċembru 2011, dwar id-deċiżjoni li ma tiġix adottata l-proposta għal regolament tal-Kummissjoni dwar l-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u pensjoni-

jiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni kif ukoll, it-tieni nett, ir-rendikonti ta' remunerazzjoni tar-rikorrent ta' Jannar, Frar u Marzu 2012 stabbiliti skont l-imsemmija deċiżjoni.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jikkonstata l-illegalità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (2011/866/UE), tad-19 ta' Diċembru 2011, li tikkonċerna l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom;
- jannulla t-tweġiba ta' ċaħda għall-ilment tat-30 ta' Lulju 2012 dirett kontra r-rendikonti ta' remunerazzjoni ta' Jannar, Frar u Marzu 2012 stabbiliti skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/866/UE tad-19 ta' Diċembru 2011;
- jikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrent l-arretrati ta' remunerazzjoni u pensjoni li huwa għandu dritt għalihom mill-1 ta' Lulju 2011 flimkien mal-interessi moratorji kkal-kolati, mid-data ta' skadenza tal-arretrati dovuti, b'rata fissa mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament flimkien ma' żewġ punti;
- jikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrent Ewro simboliku bħala kumpens għad-danni morali mġarrba minħabba l-iżball tad-dipartiment imwettaq meta għet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/866/UE tad-19 ta' Diċembru 2011
- jikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2012 — ZZ vs AER****(Kawża F-135/12)**

(2013/C 26/154)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

**Rikorrenti:** ZZ (rappreżentanti: W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

**Konvenuta:** Aġenzija Eżekuttiva ta' Riċerka

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni li permezz tagħha r-rikorrenti ma għetx inkluzja fil-lista ta' riżerva tal-proċedura ta' selezzjoni REA/2011/TA/PO/AD5.